# JUM TA’ DĦUL BLA ĦLAS FID-DOMVS ROMANA, IL-KATAKOMBI TA’ SAN PAWL U L-MUŻEW NAZZJONALI TAL-ISTORJA NATURALI

**Stqarrija| 3 ta’ April 2024**

Nhar il-Ħadd li ġej, 7 ta’ April, Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku għal ġurnata ta’ attivitajiet għall-familja kollha fid-Domvs Romana u l-Katakombi ta’ San Pawl fir-Rabat, kif ukoll fil-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali fl-Imdina, li lkoll se jkunu miftuħin b’xejn.

Id-Domvs Romana toffri ħarsa unika lejn il-ħajja ta’ kuljum tal-aristokrazija Rumana tal-qedem, f’aspetti bħad-dinamika familjari, il-moda, l-edukazzjoni, id-divertiment, u l-ikel. Dan is-sit impressjonanti bħalissa qed jilqa’ fih il-Proġett Melite Civitas Romana, fejn saru skavi li se jissoktaw f’Ġunju u li għandhom l-għan li jixħtu aktar dawl fuq l-imgħoddi Ruman ta’ Malta.

Ftit ’il bogħod, il-passaġġi u l-oqbra tal-Katakombi ta’ San Pawl jdaħħlu lill-viżitatur f’dinja oħra taħt l-art. Dan is-sit affaxxinanti jifforma parti mill-akbar sit ta’ dfin lil hinn mill-belt antika ta’ Melite u kien jintuża mill-Perjodu Puniku sa Żmien il-Biżantini. Fih taħlita ta’ kulturi u reliġjonijiet, bi dfin Pagan, Lhudi u Nisrani f’ċimiterju wieħed. It-tfal li se jżuru dan is-sit se jingħataw rigal żgħir bħala tifkira.

Fil-Palazz Vilhena, li jmur lura sas-seklu 18 u ssibu hekk kif tidħol l-Imdina, hemm il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, li s-sena li għaddiet iċċelebra l-50 anniversarju tiegħu. Kif jixhed ismu, dan il-mużew jieħu lil min iżuru għal vjaġġ fin-natura, permezz ta’ kollezzjonijiet estensivi ta’ għasafar, fossili, għadam, insetti, u bosta ħlejjaq oħra.

Fit-tliet siti, nhar il-Ħadd li ġej, se jkun għaddej programm ta’ attivitajiet tul il-ġurnata kollha. L-attivitajiet jinkludu logħob u tagħlim għat-tfal, it-tnedija ta’ kotba ġodda ta’ Heritage Malta, dawriet gwidati għall-adulti u għat-tfal, kif ukoll wirjiet minn artisti pprovduti mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Il-programm sħiħ huwa dan:

**Id-Domvs Romana, ir-Rabat (09:00-17:00)**

10:00 – Dawra gwidata għat-tfal bil-Malti

09:00-14:00 – It-tfal kollha jingħataw karti biex jiktbu, ipinġu u jitgħallmu dwar il-perjodu Ruman u l-perjodu Għarbi f’Malta

**Il-Katakombi ta’ San Pawl, ir-Rabat (09:00-18:00)**

10:30 -14:00 – Mużika minn Chris Goa

11:00 – Dawra gwidata bl-Ingliż

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

14:00 – Dawra gwidata bil-Malti

**Il-Mużew tal-Istorja Naturali, l-Imdina (09:00-17:00)**

09:00 – Dawra gwidata mal-Kuratur bl-Ingliż

10:00 – Mużika minn Kantera

11:00 – Dawra gwidata mal-Kuratur bil-Malti

12:00 – Mużika minn Ozzy Lino

13:00 – Attività għat-tfal – 'Colours in Nature' u 'I am in the Museum: Who am I?'

14:00 – Mużika minn Lisa Gauci

15:00 – It-tnedija tal-kotba 'The Dark Side of Rabat & Mdina', 'The Heritage Malta Official Guide to Domvs Romana' u 'Life with Aurelia'

16:00 – Attività għat-tfal – 'Colours in Nature' u 'I am in the Museum: Who am I?'

Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mid-09:00 sal-17:00 għad-Domvs Romana u l-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, u mid-09:00 sas-18:00 għall-Katakombi ta' San Pawl. L-aħħar dħul ikun nofs siegħa qabel l-għeluq. Id-dħul se jkun b'xejn għal kulħadd u m'hemmx bżonn isir booking minn qabel.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta